

# Imtieħen f'Ħaż-Żebbuġ

**Clifford Vella**

Il-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ tinsab kważi tista' tgħid fiċ-ċentru ta' Malta. Illum il-popolazzjoni tlaħħaq madwar 11,000 ruħ. L-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ teħodna lura diversi sekli, tant li nstabu fdalijiet ta' madwar tlett elef sena ilu. Ta' min isemmi li fi żmien il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann (1530-1797) il-popolazzjoni kibret minn 1500 ruħ għal 4500 ruħ.

Personalment jiena nagħti żewġ karatteristiċi lil din il-lokalità. L-ewwel nett Ħaż-Żebbuġ huwa magħruf għall-qima kbira li għandhom għal San Filippu. Ħafna Żebbuġin għadhom sal-lum il-ġurnata jsemmu lil uliedhom għal dan il-qaddis. Ħaż-Żebbuġ huwa magħruf ukoll għall-personaġġi prominenti f'ħafna oqsma tal-ħajja. Fost l-oħrajn wieħed isib li f'din il-lokalità kien twieled u għex Mikiel Anton Vassalli (5 ta' Marzu 1764 sa 12 ta' Jannar 1829). Dan kien eroj għal-lingwa Maltija u anke wasal biex iġġieled għad-drittijiet tal-lingwa. Personalità oħra kien Dun Karm Psaila (18 ta' Ottubru 1871 sa 13 ta' Ottubru 1961) li bħal ta' qablu twieled u għex f'Ħaż-Żebbuġ. Dun Karm kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal-Malti u kiteb ukoll l-Innu Malti. Personalità oħra li ma nistax ma nsemmix kien Dun Mikiel Xerri (29 ta' Settembru 1737 sa 17 ta' Settembru 1799). Dan mhux talli ma ddefendiex lil Malta mill-ħakma Franċiża, imma saħansitra kien ġie maqtul minnhom stess waqt ir-rewwixta kontrihom. Barra minn dawn il-persuni hemm diversi oħra, però ma nistax nibqa' nsemmi għaliex inkella ma nispiċċa qatt.

L-aktar ġrajja importanti għaż-Żebbuġin kienet waqt il-festa ta' San Filippu tas-sena 1776. Dakinhar huma kienu stiednu lill-Gran Mastru Emmanuel De Rohan (1775-1797) għall-festa tagħhom. F'din il-festa huma kienu talbuh biex jonora lil Ħaż-Żebbuġ. Din it-talba kienet ġiet milqugħa f'Ġunju tas-sena ta' wara u minn dakinhar stess Ħaż-Żebbuġ ġie magħruf bħala "*Citta Rohan",* kif għadu magħruf sew sal-lum.

Biex insemmi parti oħra mill-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ ma nistax ma nsemmix il-ħames imtieħen tar-riħ li nbnew mal-milja tas-snin f'din il-lokalità. Dawn huma: Il-"Mitħna tal-Għodor", il-"Mitħna ta' Srina", il-"Mitħna tal-Qanfud", il-"Mitħna ta' Għasfura" u l-"Mitħna ta' Kustanz".

## Il-"Mitħna tal-Għodor" (Fondazzjoni Cotoner). Ħadmet bejn 1682-1900

Il-"Mitħna tal-Għodor" tinsab fi Triq il-Mitħna li tiġi fit-tarf ta' Ħaż-Żebbuġ. Din kienet inbniet mill-Fondazzjoni tal-Gran Mastru Nikolas Cotoner (1663-1680) fis-sena 1674 u tlestiet fis-sena 1682. Din kienet waħda mill-ewwel imtieħen li kien bena dan il-Gran Mastru f'pajjiżna. Tissejjaħ "Tal-Għodor" għaliex din il-parti tal-lokalità ġġib dan l-isem. Il-kelma




***Din l-arma kienet ġiet modifikata fuq l-oriġinal. Wisq probabbli li l-orġinali kienet inbarxet matul il-ħakma tal-Franċiżi f'Malta (1797 – 1799). Taħt nett jidher parti mill-annu 1682***



***Din hija l-istatwa li hemm mal-kantuniera tal-Mitħna tal-Għodor. Din tirrappreżenta lil Santu Rokku u saret fl-1813, meta kien hawn il-marda tal-pesta. Dan il-qaddis huwa protettur tal-mard li jittieħed***

għodor hija l-verb tal-kelma għadira. Dan għaliex sa minn diversi żminijiet ilu sal-lum l-ilma tax-xita jagħmel qagħda, tant li jinġema' ħafna ilma f'dan il-post. Kienu diversi t-tentattivi li saru biex titranġa l-problema però din qatt ma tat riżultati pożittivi.

Sa mill-1 ta' Settembru tal-1797 il-mitħna kienet ġiet f'idejn Michele Vassallo u ibnu Saverio, għal ċens ta' 29 sena, liema ċens kien jammonta għal 663 skud u 6 tari fis-sena. Dik il-ħabta huma kellhom il-"Mitħna ta' Srina" kif ser naraw aktar 'il quddiem.[1]

F'Novembru tal-1847 Nicola Vassallo, li kien is-sid ta' din il-mitħna, kien kiteb lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Sir Hector Greig, biex jitnaqqaslu l-kera fuq il-mitħna. Fit-30 ta' dak ix-xahar stess kien sar rapport mill-Kollettur tad-Dħul tal-Artijiet, l-Onorevoli Vincent Casolani, fejn huwa stqarr li Vassallo kien daħal b'ċens fuq din il-mitħna mill-1 ta' Settembru tal-1826 u ta' dan kien iħallas 33 lira sterlina 17-il xelin u 11-il sold, kif ukoll xi karnaġġi. Peress li kienu għaddew aktar minn 20 sena mill-bidu tal-kuntratt u li matul dan iż-żmien kien tneħħa l-monopolju fuq l-imtieħen u għalhekk kibret il-kompetizzjoni, Casolani kien tal-fehma li b'seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara ċ-ċens li kellu jħallas kellu jinżel għal 30 lira sterlina fis-sena. Vassallo kien ġie infurmat b'dan kollu fit-30 ta'

Novembru. Din l-aħbar kienet ferm pożittiva għal Vassallo.[2]

L-aħbar sabiħa li kien ħa Nicola Vassallo ma tantx dam iġawdiha wisq, għaliex fil-21 ta' Awwissu tal-1852 kienet dehret il-mara tiegħu Anna, bħala armla, f'petizzjoni magħmula minnha stess. Dakinhar hija kienet għamlet talba biex jerġa' jitnaqqsilha l-kera u xtaqet tidħol f'kuntratt ġdid għal perjodu ta' 32 sena.

Fir-rapport ta' Casolani, li kien sar fid-19 ta' Ottubru 1852, kien intqal li fl-opinjoni tiegħu ma kienx tal-fehma li jippermetti li dan iseħħ, aktar u aktar li din kienet qegħda f'isem mara. Nifhmu li dawk iż-żminijiet in-nisa ftit kellhon drittijiet. Fir-risposta li kien taha fil-21 ta' Ottubru stess, kien stqarr li jekk trid hu jista' jippermettilha li tinħall mill-kuntratt u għalhekk jinbigħ iċ-ċens lill-pubbliku interessat.[3]



*Il-Mitħna tal-Għodor*

Il-proposta li kien għamel Casolani lil Anna Vassallo kienet seħħet. Dan sar magħruf għaliex kienet saret petizzjoni wara, din id-darba minn Filippu Vassallo, f'Ġunju tal-1856, dwar aktar roħs fil-kera. Skont rapport li kien sar fit-30 ta' Ġunju stess kien sar magħruf li kif diġà semmejt, fl-1847 kienet tinkera għal 33 lira sterlina 17-il xelin u 11-il sold, fl-1848 iċ-ċens kien ta' 30 lira sterlina u fl-1852 kellha kuntratt ġdid bil-kera ta' 24 lira sterlina u 4 xelini, li kien jiskadi f'Novembru 1884. Jidher li din it-talba ta' Filippu ġiet approvata u l-kera tnaqqaslu għal 19-il lira. Hu kien ġie mgħarraf b'dan fit-12 ta' Lulju ta' dik is-sena.[4]

Kienet għaddiet biss sena minn meta Filippu kien għamel talba dwar roħs fil-kera, li reġa' għamel waħda simili. Dan kien ġara f'Diċembru tal-1857, però fid-19 tal-istess xahar kien ġie deċiż li din it-talba ma tiġix ikkunsidrata u għalhekk hu kien ġie mgħarraf b'dan kollu fl-24 ta' April ta' wara. Ir-raġuni għaliex kellu jgħaddi dan iż-żmien kollu biex huwa jieħu r-risposta, qatt ma ġiet stabbilita.[5]

Ma kinux għaddew imqar xahrejn minn meta Filippu kien ħa r-risposta li ma reġax għamel talba oħra l-istess. Dan seħħ fis-17 ta' Ġunju. L-għada kien ġie mistqarr li l-kuntratt kurrenti




***Din hija l-pjanta tal-"Mitħna tal-Għodor" li kienet saret fl-1861 u qegħda tiġi pubblikata bil-għajnuna tal-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat Malta. Mibnija fuq art ta' madwar 1771 pied kwadru***

MESSAĠĠI
MILL-KAŻIN
FESTA 2016
KULT FILIPPIN
ŻEBBUĠIN
OBITWARJU

kellu jiskadi fis-sena 1884. Fis-26 ta' Ġunju kien ġie mgħarraf li jekk ried seta' jinħall mill-kuntratt b'mod immedjat, però peress li kienet ser tkun deċiżjoni ta' malajr, huwa kellu jibqa' jħallas il-kera sal-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena.[6]

Il-kummenti li kien irċieva Filippu, li dehru fil-paragrafu ta' qabel dan, xejn ma qatgħulu qalbu. Mhux talli ma nħallx mill-kuntratt, iżda f'Ottubru tal-1860 reġa' għamel talba formali oħra. Imbagħad oħra simili reġa' għamilha fid-29 ta' Novembru tal-1867 u fit-2 ta' Diċembru ġiet rifjutata.[7]

Naf bi żgur li, sad-29 ta' Novembru tal-1872, Fillippu Vassallo kien għadu jaħdem f'din il-mitħna għaliex f'din id-data kien reġa' għamel talba simili oħra, l-istess bħal ta' qabilhom, u baqa' dejjem ikollu risposti negattivi.[8]

Fl-14 ta' Marzu 1881 kienet saret talba din id-darba minn Fillippu Callus lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jirranġa l-mitħna mill-ħsarat li kienet ġarrbet. Qabel din it-talba huwa kien imġiegħel jirranġa l-mitħna wara li kienet saritlu spezzjoni. Din it-talba ma ntlaqgħatx minn dan id-Dipartiment. Riżultat ta' din il-petizzjoni kien li Fillippu Callus kellu din il-mitħna mikrija lilu minn Filippu Vassallo bil-permess tal-Gvern.[9]

Mal-milja taż-żmien, wieħed ikompli jsib diversi aktar talbiet. Talba oħra kienet saret fil-31 ta' Lulju 1883, din id-darba minn taħħan ieħor li kien bi sħab ma' Filippu. Dan it-taħħan kien iġib l-isem ta' Andrea Gatt. Din id-darba Gatt għamel talba għall-għajnuna mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex huwa jkun jista' jagħmel xi manutenzjoni fil-mitħna. Sitt ijiem wara li dan id-Dipartiment irċieva din it-talba, kien għaddiha lid-Direttur tal-Kuntratti. Fl-14 ta' Awwissu Gatt kien irċieva risposta li l-ispiża tal-manutenzjoni kellha tkun ta' 42 lira sterlina u mhux ta' 80 lira sterlina kif kien stqarr hu. Milli jidher il-figura ta' 42 lira sterlina kienet ġiet iffissata mid-Dipartiment wara xi spezzjoni li kienet saret. L-istess Dipartiment kien informa lil Gatt li ma jsib ebda oġġezzjoni li x-xogħol tal-manutenzjoni jibda fi żmien 8 jew 12-il xahar. F'dan il-perjodu ż-żewġ partijiet, Vassallo u Gatt, kellhom jilħqu jiftehmu, però wara dan il-perjodu akkost ta' kollox ix-xogħol ried jibda immedjatament.[10]

Minkejja li ma sibtx risposta dwar min kien għamel tajjeb għall-ispejjes tal-manutenzjoni tal-mitħna, jidher li kien sar xi tip ta' ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Dan nafuh għaliex wieħed isib li din il-mitħna baqgħet okkupata minn Gatt u għaliex fis-27 ta' Ottubru tal-1887 l-istess Gatt kien għamel talba dwar roħs fil-kera tal-propjetà.[11]

## Il-"Mitħna ta' Srina" (Fondazzjoni Carafa). Ħadmet bejn 1685-1900

Il-"Mitħna ta' Srina" kienet inbniet fl-1685 mill-Fondazzjoni tal-Gran Mastru Gregorio Carafa (1680-1690). Din il-mitħna tinsab fi Triq l-Imdina. Jekk nibdew l-istorja ta' din il-mitħna, insibu li l-ewwel persuna li kienet ġiet mikrija lilu kien Domenico Grixti miż-Żurrieq. Kien id-19 ta' Mejju 1691 meta Grixti kien daħal f'kuntratt għall-imtieħen kollha tal-Fondazzjoni Carafa għal 10 snin u l-kirja kienet ta' 745 skud fis-sena.[12]

Storja antika li parti minnha kienet seħħet f'din il-mitħna kienet ġrat fl-4 ta' Frar tal-1759. Il-bidu ta' din l-istorja kien madwar għoxrin sena qabel, meta ċertu Dun Ġustru Sammut, li kien Ruma, kien kiseb il-ġisem ta' San Teodoru Martri meta kien inqala' mill-Midfen ta' San Bastjan. Fis-sena 1754 hu kien reġa' mar Ruma, però din id-darba ma kienx

ġie lura għaliex ingħaqad mal-Mulej. Fit-22 ta' Jannar tal-1756 il-fdalijiet ta' San Teodoru kienu ngħataw lil Anna Tanti minn Ħal Lija li kienet in-neputija ta' Dun Ġustru u li kienet il-werrieta tiegħu. Dun Ġirgor Barbara kien tal-fehma li dan il-qaddis jitpoġġa fil-knisja ta' Ħal Lija, tant li kien għamel minn kollox għal dan, izda sfortunatament ma kienx irnexxielu. B'dawn it-talbiet kienu ntebħu n-nies ta' Ħaż-Żebbuġ. Dun Xmun Buhagiar u Dun Ġakbu Vassallo bdew jippruvaw ifehmu lill-poplu Żebbuġi biex jakkwistaw il-ġisem ta' dan il-qaddis għal-lokalità tagħhom. Dan għaliex peress li Dun Ġustru Sammut kien minn Ħaż-Żebbuġ, kienu tal-fehma li huma kellhom id-dritt għal dan il-qaddis. Kien l-4 ta' Frar tal 1759 meta Buhagiar u Vassallo rħewla minn Ħaż-Żebbuġ għal Ħal Lija b'kuntinġent ta' madwar 500 raġel magħhom. Dawn in-nies kollha ġew imqassma f'diversi gruppi żgħar, f'diversi partijiet bejn dawn iż-żewġt irħula. Nafu fi żgur li ġewwa Ħal Lija kienu daħlu biss dawn iż-żewġ qassisin u 4 irġiel mibnija sew. Meta waslu ħdejn il-bieb ta' Anna huma ħabbtu u l-bieb infetaħ. L-iskuża li kienu għamlulha biex jidħlulha ġewwa kienet li huma kienu fi triqthom lejn il-Mellieħa, u għalhekk waqt din il-mawra xtaqu kieku jieqfu Ħal Lija sabiex jaraw il-ġisem ta' dan il-qaddis. Anna, bl-innoċenza tagħha, uriethom il-fdalijiet ta' San Teodoru. Kien f'dan il-ħin meta dawn l-erba irġiel ħatfu dan il-ġisem u telqu jiġru 'l barra. Dakinhar kienet intużat din il-mitħna sabiex ġie osservat il-manuvri li kienu qegħdin iwettqu dawn il-500 raġel fi triqthom minn Ħal Lija lejn Ħaż-Żebbuġ.[13]

Meta din il-mitħna kienet mikrija lil Michele Vassallo u ibnu Saverio għall-ħabta tal-1824, huma kienu bdew dik is-sena b'ammont ta' 1088 skud u 2 tari' f'arretrati mal-Uffiċċju tad-Dħul tal-Artijiet. Huma kienu ilhom b'dan il-kuntratt sa mill-1 ta' Settembru tal-1797, b'ċens ta' 633 skud u 6 tari fis-sena, liema ċens kien għal 29 sena.[14]

Wara dawn iż-żewġ taħħana, wieħed isib li Salvatore Fenech kien intrabat b'kuntratt fl-1 ta' Jannar 1828 u kien iħallas 34 lira sterlina, xelin u 8 soldi fis-sena. Fil-31 ta' Awwissu tal-1846 jissemma wkoll Ġiuseppe Fenech li aktarx kien ħu Salvatore, tant li dakinhar stess hu kien għamel talba biex jitnaqqaslu l-kera. Skont riċerka li kien għamel fil-31 ta' Mejju 1847 il-Kollettur tad-Dħul tal-Artijiet, l-Onorevoli Vincent Casolani, kien irriżulta li skont rapport li kien sar mill-Uffiċċju tal-Periti, l-istess Periti kienu kkummentaw li l-kera li kien qiegħed iħallas kien raġonevoli u għalhekk fl-1 ta' Ġunju tal-1847 kienu ddeċidew li t-talba ma tiġix aċċettata.[15]

Salvatore Fenech, fl-14 ta' Diċembru tal-1850, għamel talba simili għal dik li kien għamel Ġiuseppe. Fl-14 ta' Awwissu tas-sena ta' wara l-Onorevoli Casolani ma kienx aċċetta din it-talba u għalhekk sitt ijiem wara kien informa lil Salvatore b'dan. Il-petizzjoni li kien għamel Salvatore kienet waħda minn ħames petizzjonijiet li kienu saru fl-istess ġurnata għall-istess talba minn sitt sidien differenti minn diversi lokalitajiet. Dawn kienu ħadu l-istess risposta.[16]



*"Mitħna ta' Srina" Ritratt: Clifford Vella*

MESSAĠĠI
MILL-KAŻIN
FESTA 2016
KULT FILIPPIN
ŻEBBUĠIN
OBITWARJU

Minkejja d-diffikultajiet finanzjarji li kien qiegħed iħabbat wiċċu magħhom, Salvatore Fenech xorta baqa' jamministra din il-mitħna. F'April tal-1857 Fenech reġa' għamel talba oħra dwar roħs fil-kera tal-mitħna. Fl-14 ta' April stess kienu nfurmawh li l-kuntratt tiegħu kien jagħlaqlu f'Diċembru tal-1859. Minkejja li ma kinux tawh l-opportunità li titnaqqasslu l-kera, kienu tawh għażla li jekk irid seta' jinħall immedjatament mill-kuntratt bla spejjes ta' xejn u l-mitħna toħroġ għall-kiri b'offerta lil min kien interessat. Din l-għażla kienet niżlitlu tajjeb għaliex insibu li wara ftit kienet ħarġet l-offerta għall-mitħna. Fost il-persuni li kienu interessati wieħed isib lil dawn li ġejjin:

a) Nikol Spiteri li offra 22 lira sterlina u 8 xelini fis-sena.

b) Giorgio Bajada, Francesco Sammut u Domenico Fenech li offrew 20 lira sterlina fis-sena.


Pjanta tal-"Mitħna ta' Srina" li kienet saret fl-1861 u qiegħed nippubblikaha bil-għajnuna tal-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat Malta. Mibnija fuq art ta' madwar 2642 pied kwadru

Naturalment fit-30 ta' Ġunju tal-1857 kien ġie magħżul Nikol Spiteri bħala s-sid il-ġdid tal-mitħna.[17]

Milli jidher, Nikol Spiteri, minkejja li kien intgħażel bħala s-sid il-ġdid, waqqa' n-nomina tiegħu għaliex il-mitħna spiċċat ġiet fdatha f'idejn Franċesco Sammut. Xhieda ta' dan hija t-talba li kien għamel Franċesco Sammut f'Marzu tal-1858 dwar il-kera. Fir-rapport li kien sar fis-27 ta' Marzu tal-1858, ġie ppubblikat li l-kuntratt tiegħu kien beda fl-1 ta' Settembu tas-sena ta' qabel. Fit-13 ta' April kienu nfurmawh li jekk ried seta jinħall mill-kuntratt mit-30 ta' Ġunju stess. Fil-15 ta' Ġunju Sammut kien informa lill-Gvern li kien lest li jinħall mill-kuntratt. Jumejn wara din it-talba kienet ġiet aċċettata mill-Gvernatur Sir John Gaspard Le Marchant, bil-kundizzjoni li jibqa' jħallas il-kera sal-aħħar ta' Settembru.[18]

Wara dan kollu li semmejt, kien l-1 ta' April tal-1861 meta Antonio Cascun, kif ukoll Tommaso Farrugia, daħlu għal ċens ta' 99 sena sabiex jamministraw il-mitħna.[19]

Illum din hija propjetà tal-Gvern mikrija lill-privat. Id-dehra ta' din il-mitħna turi biċ-ċar li t-torri kien ser jinħatt, però dan it-tentattiv kien waqaf f'nofsu.

## Il-"Mitħna tal-Qanfud" (Fondazzjoni Cotoner) Ħadmet bejn 1680-1884.

Il-"Mitħna tal-Qanfud" kienet inbniet għall-ħabta tas-sena 1680 mill-Fondazzjoni tal-Gran Mastru Cotoner (1680-1690) u tinsab fi Triq l-Imdina.

Fost l-ewwel petizzjonijiet dwar din il-mitħna, wieħed isib dik li kienet intbagħtet fis-6 ta' Ottubru tal-1846 minn Ġiovanni Maria Sammut lill-Kollettur tad-Dħul tal-Artijiet. Fit-3 ta' Diċembru tas-sena ta' wara, l-Onorevoli Vincent Casolani, li kien l-istess Kollettur

tad-Dħul tal-Artijiet, kien għamel stqarrija fejn kien qal li f'Awwissu tal-1838 il-mitħna kienet għaddiet f'idejn Ġiovanni Maria Sammut b'cens ta' 32 sena, li jiġġedded kull 8 snin u li għal dan kien qiegħed iħallas 19-il lira sterlina u 11-il xelin fis-sena. Fl-istess kuntratt kien hemm klawsola tgħid li l-manutenzjoni u l-ħsarat li ġġarrab il-mitħna maż-żmien ikunu kollha spejjes għalih. Fis-sena 1846 Sammut informa lill-Gvern li l-mitħna kellha bżonn dawra mhux ħażin u huwa kien lest li jonfoq il-flus biex jerġa' jagħmilha f'kundizzjoni kif jixirqilha. Ta' dan kollu huwa kien qiegħed jippretendi li jerġa' jibda kuntratt ġdid għal 32 sena u jiġi revedut il-kera tiegħu. Minn hawn kienet saret spezzjoni mill-Periti u l-ħsarat ġew stmati li jqumu 100 lira sterlina. Barra minn dan Sammut ingħatatlu l-opportunità li l-kera tiegħu jinżillu għal 15-lira sterlina fis-sena bħala ġest tal-ispiża li kien ser jonfoq. Jidher li din l-offerta ma ġietx aċċettata minn Sammut u għalhekk huwa nfurmahom li kien lest li jonfoq biss 8 liri sterlini, 6 xelini u 8 soldi fis-sena bħala kera. Barra minn dan, huwa għamilha ċara li jekk din l-offerta ma kinetx ser tiġi aċċettata, huwa kien lest li jinħall mill-kuntratt kurrenti. Għal din it-talba jidher li Casolani kien għażel li jekk irid seta' jinħall u għalhekk il-mitħna toħroġ b'offerta għal min kien interessat għaliha. Fid-9 ta' Diċembru stess l-Assistent Segretarju tal-Gvern informa lil Sammut li kien ingħatalu l-permess biex jinħall mill-kuntratt.[20]



*Il-"Mitħna tal-Qanfud" Ritratt: Clifford Vella*

Fl-1859 din il-mitħna kienet għaddiet f'idejn Vincenzo Camilleri, liema kuntratt ġie fi tmiemu fil-31 ta' Lulju 1884.[21]

Vincenso Camilleri, f'Settembru tas-sena ta' wara, kien għamel talba biex il-Gvern jikrilu biċċa art li kienet tinsab fuq wara tal-mitħna. Fit-12 ta' Diċembru tal-istess sena kien sar stħarriġ li fiha ssemma li wara li kienet saret spezzjoni fuq din il-biċċa art, il-Gvern ma kien sab ebda oġġezzjoni sabiex jikrihielu, anzi minn dan il-Gvern kien ser idaħħal aktar flus.[22]

Fit-28 ta' Mejju 1861 Vincenso Camilleri kien għamel talba oħra sabiex jorħoslu l-kera peress li issa kien qiegħed ibati minn kompetizzjoni qawwija. Ġurnata wara t-talba tiegħu, huwa rċieva risposta li minn meta beda



***Pjanta tal-"Mitħna tal-Qanfud" li kienet saret fl-1861 u qegħda tiġi ppubblikata bil-għajnuna tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. Mibnija fuq art ta' madwar 3354 pied kwadru***

jamministra l-mitħna fl-1859 ma kien hemm ebda mitħna ġdida fil-viċinanzi u għalhekk it-talba tiegħu kienet bla bażi u ma ġietx aċċettata.[23]

Wisq probabbli li t-torri kien tneħħa fl-1885. Ir-raġuni ta' dan kienet li, fid-9 ta' Novembru ta' dik is-sena stess, Ġiuseppe u Giorgio Xcicluna, li f'dik il-ħabta kellhom fi żgur, il-"Mitħna Ta' Marżiena" bejn Sannat u r-Rabat Għawdex, kienu talbu li jingħatawlhom il-ħaġar tat-tħin li kellha din il-mitħna, li kien għadu kemm twaqqalha t-torri. Naturalment huma riedu dawn il-ħaġriet biex jużawhom fil-mitħna li kellhom. Sfortunatament, fit-23 ta' Novembru stess, kien ġie deċiż biex dawn ma jingħatawlhomx, għaliex il-Gvern seta' jbigħhom tant li jħallulu profit.[24]

Hekk kif Vincenso Camilleri nħall mill-kuntratt, ħadd ma kien daħal għar-responsabiltà biex jamministra din il-mitħna, tant li fis-sena 1887 din kienet ġiet imwaqqa'.[25]

Xi żmien wara, fuq l-istess art fejn kien hemm mibnija l-mitħna, kienet ġiet mibnija struttura oħra li parti minnha kienet tintuża bħala biċċerija.

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), din il-propjetà serviet bħala kalkara tal-ġir, mikrija mill-Gvern lill-privat. F'dik il-ħabta dan it-tip ta' materjal kellu domanda qawwijja f'pajjiżna. Ħaġa tal-iskantament hi li, bosta mtieħen, wara li waqfu mill-operat tat-tħin, kienu ġew trasferiti bħala kalkara. Meta kienet twessgħat Triq l-Imdina fis-snin sittin tas-seklu għoxrin, parti mill-bini kellu jitwaqqa' sabiex jagħmel wisa' għat-triq. L-imsemmija kalkara, fis-snin sebgħin, bdiet titħaddem min-nies tal-Gvern stess u baqgħet tintuża bħala kalkara sal-1997, sa meta pajjiżna beda jimporta l-ġir minn pajjiżi oħra. Ħaġa li mhux ta' min iħalliha barra hija n-niċċa bl-istatwa ta' San Filep li kienet twaħħlet ma' parti ta' din il-mitħna fis-sena 1979. Qabel din id-data din l-istess statwa kienet fil-kantuniera ta' triq li minn Ħaż-Żebbuġ tieħdok għas-Siġġiewi.[26]

Illum, din il-propjetà qegħda sservi bħala kwartieri tal-iscouts ta' Ħaż-Żebbuġ.

## Il-"Mitħna ta' Kustanz". Ħadmet bejn 1872 sa 1900

Il-"Mitħna ta' Kustanz" tinsab fuq sit numru 1, Sqaq 14, fi Triq il-Kbira Ħaż-Żebbuġ. Din il-mitħna kienet l-aħħar waħda li nbniet, tant li s-sena li fetħet kienet l-1872.[28] Illum peress li sar ħafna żvilupp fiż-żona fejn hemm il-mitħna, wassal biex din il-mitħna mhix aktar viżibbli minn ebda triq fil-viċinanzi.



***Dan ir-ritratt ġie meħud minn fuq bejt ta' dar li tinsab ġewwa Triq Pawlu Balzan. Grazzi għall-għajnuna li sibt minn Tony Cortis talli kien possibbli li nieħu permess biex nitla' f'residenza privata biex niġbed dan ir-ritratt, u ta' dan nixtieq nirringrazzja wkoll lil min tani dan il-permess li nuża l-bejt tiegħu. Ritratt minn : Clifford Vella***

## Il-"Mitħna ta' Għasfura". Ħadment bejn 1858 sa 1865

Il-"Mitħna ta' Għasfura" tinsab f'numru 56, Triq Paris, Ħaż-Żebbuġ. Din il-mitħna fetħet il-bibien tagħha fis-sena 1858 u dik il-ħabta din il-parti tar-raħal kienet tissejjaħ Ħal Muxi.[29]



Il-"Mitħna ta' Għasfura". Dan is-salib jinsab imnaqqax bejn iż-żewġ gradi tal-faċċata tal-mitħna. Madwaru hemm diversi anni mnaqqxa. Dawn huma: MDCCCLXV-1865, 1869, 1878 u 1879. Ritratti minn: Clifford Vella.



Din il-mitħna waqfet mill-operat fis-sena 1865. Dan kien ġara wara li f'dik is-sena kien waqa' bniedem minn fuq it-torri u spiċċa mejjet isfel mal-art. B'rispett għal din il-persuna kien ġie mnaqqax salib mal-faċċata ta' barra tal-mitħna li fih diversi anni li juru meta saru l-quddies għal ruħ din il-persuna.[30]

Illum din il-mitħna tista' tgħid li t-torri ma għadux jeżisti, ħlief jekk tittawwal minn fuq il-bankina tal- faċċata ta' minn fejn ġie meħud dan ir-ritratt fejn tista' tara parti żgħira milli fadal.

***Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Tony Cortis li bis-saħħa tiegħu ksibt ħafna għajnuna dwar l-imtieħen ta' din il-lokalità. Barra minn dan huwa ġie miegħi biex jurini eżatt dawn l-imtieħen fejn qegħdin. Tony huwa persuna magħrufa maż-Żebbuġin dwar l-istorja u riċerka.***

**Riferenzi:**

1 Public Works Vol 5 Petizzjoni 46 tal-1824.
2 Public Works Vol 13 Petizzjoni 231 tal-1847.
3 Public Works Vol 14 Petizzjoni 210 tal-1852.
4 Public Works Vol 15 Petizzjoni 170 referenza 6614V tal-1856.
5 Public Works Vol 16 Petizzjoni 8616V tal-1857.
6 Public Works Vol 16 Petizzjoni 157V tal-1858.
7 Public Works Vol 17 Petizzjoni 4761G tal-1860 u Vol 20 Petizzjoni 910V tal-1867.
8 Public Works Vol 23 Petizzjoni 663V tal-1872.
9 Public Works Vol 28 Petizzjoni 3294C ta-1881.
10 Public Works Vol 29 Petizzjoni 6720G tal-1883.
11 Public Works Vol 30 Petizzjoni 4434G tal-1887.
12 Din l-informazzjoni tinsab fil-ktieb "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien" - Charles Farrugia. Però l-oriġinal kien sar mir-riċerka li kien għamel Joe M Attard Tabone.
13 Mill-ktieb "Ġrajjiet Ħaż-Żebbuġ" - Dun Salvu Ciappara" pp. 105 u 107.
14 Public Works Vol 5 Petizzjoni 46 tal-1824.
15 Public Works Vol 13 Petizzjoni 205 tal-1846.
16 Public Works Vol 14 Petizzjoni 67 tal-1850.
17 Public Works Vol 15 Rer 367 Petizzjoni 7731F tal-1857.
18 Public Works Vol 16 Petizzjoni 8887S tal-1858 u Petizzjoni 147S tal-1858.

[19] Bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Propjetà tal-Gvern.
[20] Public Works Vol 13 Petizzjoni 236 tal-1846.
[21] Public Works Vol 17 Petizzjoni 5524C tal-1861 u bl-għajnuna tat-Taqsima tal-Propjetà tal-Gvern.
[22] Public Works Vol 17 Petizzjoni 4529 tal-1860.
[23] Public Works Vol 17 Petizzjoni 5524C tal-1861.
[24] Public Works Vol 30 Petizzjoni 1989X tal-1885.
[25] Ibid ref 19.
[26] Skont Ray Spiteri li huwa *Scout Leader* ta' Ħaż-Żebbuġ, minn informazzjoni li bagħatli b'email fil-25 ta' Settembru 2009.
[27] Skont Toni Cortis minn Ħaż-Żebbuġ fl-14 ta' Settembru 2009.
[28] Mill-ktieb "Ġrajjiet Ħaż-Żebbuġ" ta' Dun Salvu Ciappara" p. 183.
[29] Ibid ref 28.
[30] Skont Nicolas Cassar minn Ħaż-Żebbuġ permezz ta' telefonata fit-18 ta' Settembru tal-2009.

## Profil ta' Clifford Vella

Iħobb ħafna l-istorja lokali u jinteressawh affarjiet antiki fosthom oġġetti, bini, dokumenti, karozzi, tista' tgħid kulma hu antik. Ir-riċerka dejjem kienet għal qalbu u hu qatt ma xtaq jidfen ġewwa fih dak li jitgħallem u jsib, imma jkun jixtieq jaqsmu ma' ħaddieħor u l-għan tiegħu dejjem ikun li dak li ħaddieħor jitgħallem mir-riċerka tiegħu, jkompli jxandru.

Fost kotba li ppublika insibu:

1. L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin
2. Ta' Kola Windmill the Best Windmill in Gozo
3. Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin (L-ewwel ktieb)
4. Places of Interest in Gozo

U jekk Alla jrid għas-sena 2016 hemm:

5. Selmun Six Great Walks
6. Mir-Raħal ta' San Lawrenz Ninżlu għad-Dwejra
7. Xogħol ieħor li għaddej fuqu wkoll:
8. Is-Salini tal-Melħ fil-Gżejjer Maltin
9. Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin (It-tieni ktieb).

***Ħaż-Żebbuġ raħal twelidna, nibżgħu għalih u nżommuh nadif filwaqt li ngħożżu l-Patrimonju tiegħu***

